Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2567

20.11.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2567

tad-19 ta' Novembru 2026

li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tal-medetomidina bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tiegħu,

Billi:

(1) Il-medetomidina ġiet approvata bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1731 ([2]) sal-31 ta' Diċembru 2022, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) Fis-27 ta' Ġunju 2021, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 ("l-applikazzjoni"). L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-awtorità kompetenti tan-Norveġja ("l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni").

(3) Fl-10 ta' Diċembru 2021, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni.

(4) Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1495 ([3]), id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 ġiet posposta għat-30 ta' Ġunju 2025, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/953 ([4]) ipposponiet ulterjorment id-data tal-iskadenza ta' dik l-approvazzjoni għat-30 ta' Ġunju 2026, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1089 ([5]) reġgħet ipposponiet id-data tal-iskadenza għall-31 ta' Diċembru 2026.

(5) Fit-18 ta' Awwissu 2023, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ressqet ir-rapport tal-valutazzjoni tat-tiġdid u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija").

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1731 tat-28 ta' Settembru 2015 li japprova l-medetomidina bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 21 (ĠU L 252, 29.9.2015, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/1731/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1495 tat-8 ta' Settembru 2022 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 234, 9.9.2022, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/1495/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/953 tat-23 ta' Mejju 2025 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/953, 23.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/953/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1089 tal-20 ta' Mejju 2026 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2026/1089, 22.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1089/oj).

(6) F'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fit-28 ta' Mejju 2024, l-Aġenzija adottat l-opinjoni tagħha ([6]), ifformulata mill-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali tagħha, wara li kkunsidrat il-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(7) Skont l-opinjoni tal-Aġenzija, il-medetomidina għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali li jaf jikkawżaw effetti avversi fil-bnedmin skont it-Taqsima A tal-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 ([7]), u għalhekk tissodisfa l-kriterju ta' esklużjoni stipulat fl-Artikolu 5(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-opinjoni tikkonkludi wkoll li l-medetomidina għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw effetti avversi fl-organiżmi mhux fil-mira skont it-Taqsima B tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2017/2100, li hija persistenti ħafna (vP) u tossika (T) f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), u li fiha proporzjon sinifikanti ta' isomeri jew impuritajiet mhux attivi. Għalhekk, il-medetomidina tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(1), il-punti (d), (e) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u jenħtieġ li titqies bħala kandidata għas-sostituzzjoni.

(8) Skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, is-sustanzi attivi li jissodisfaw kriterju ta' esklużjoni jistgħu jiġu approvati biss jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1), u mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.

(9) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija ma setgħetx tikkonkludi jekk ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu tal-prodott bijoċidali rappreżentattiv li fih il-medetomidina humiex aċċettabbli jew le meta jitqiesu l-proprjetajiet tiegħu li jfixklu s-sistema endokrinali minħabba li ma kienx possibbli li jinkiseb limitu sikur fir-rigward tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali tal-medetomidina, b'mod partikolari minħabba l-limitazzjoni tad-data fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni tal-bniedem u minħabba varjetà ta' inċertezzi fir-rigward tal-ambjent. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissjoni jidhrilha li abbażi tad-data li tinsab fl-applikazzjoni, ma ntweriex li l-prodott bijoċidali rappreżentattiv li fih il-medetomidina għall-użu fit-tip ta' prodott 21 jista' jiġi mistenni li, hu stess jew b'riżultat tar-residwi tiegħu, ma jkollux effetti inaċċettabbli fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent, u li jiġi mistenni li jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 19(1), il-punt (b)(iii) u (iv), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għalhekk, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk il-medetomidina għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(10) Skont l-opinjoni tal-Aġenzija, bosta sustanzi jew teknoloġiji alternattivi xierqa u suffiċjenti jeżistu għall-medetomidina għall-użu appoġġat fil-fajl tal-applikazzjoni. Abbażi ta' dik l-opinjoni, hemm tmien sustanzi attivi alternattivi xierqa għall-medetomidina kemm għall-inġenji kummerċjali kif ukoll għal dawk tad-divertiment: 4,5-Dikloro-2-ottil-2H-isotijażol-3-on ("DCOIT"), il-piritijon tar-ram, il-fjokki tar-ram, it-tijoċjanat tar-ram, l-ossidu tad-diram, it-tolilfluwanid, id-diklofluwanid, u t-tralopiril. Barra minn hekk, l-opinjoni kkonkludiet li hemm tliet alternattivi mhux kimiċi għall-medetomidina għall-inġenji kummerċjali (il-kisi iebes mhux bijoċidali, il-kisi bbażat fuq is-siliċju u t-tindif proattiv fl-ilma) u sitt alternattivi mhux kimiċi għall-inġenji tad-divertiment (il-kisi iebes mhux bijoċidali, il-kisi bbażat fuq is-siliċju, is-sistemi ultrasoniċi, ir-riti/it-tgeżwir antifouling, it-tindif reattiv fl-ilma, u t-tindif proattiv fl-ilma).

(11) Mis-6 ta' Settembru sas-6 ta' Novembru 2024, bl-appoġġ tal-Aġenzija, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni mal-partijiet terzi sabiex tikkontribwixxi għall-ġbir tal-informazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ġewx issodisfati.

([6]) L-Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva: medetomidina, tip ta' prodott: 21, ECHA/BPC/422/2024, adottata fit-28 ta' Mejju 2024.

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 tal-4 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 301, 17.11.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/2100/oj).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj).

(12) L-opinjoni tal-Aġenzija u l-kontribuzzjonijiet għall-konsultazzjoni mal-partijiet terzi ġew diskussi mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ntalbu wkoll jindikaw jekk l-Istati Membri tagħhom iqisux li mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tistax tiġi ssodisfata, u biex jipprovdu ġustifikazzjonijiet għal dik il-pożizzjoni.

(13) Matul il-laqgħat tad-19 ta' Marzu, tal-20 ta' Ġunju u tal-24 ta' Settembru 2025 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali ([9]), ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ddiskutew il-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-Aġenzija dwar id-disponibbiltà ta' sustanzi jew teknoloġiji alternattivi xierqa u suffiċjenti għall-medetomidina, filwaqt li qiesu l-kontributi tal-konsultazzjoni mal-partijiet terzi u l-kummenti tal-applikant. Il-biċċa l-kbira tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali qiesu l-alternattivi mhux kimiċi għall-medetomidina identifikati mill-opinjoni tal-Aġenzija għall-użu fl-inġenju kummerċjali u tad-divertiment bħala parti integrali għall-protezzjoni kontra l-inkrostazzjoni, iżda rrikonoxxew li dawn il-metodi jista' jkollhom kwistjonijiet ta' disponibbiltà jew limitazzjoni teknika, li jżommuhom milli jkopru l-firxa sħiħa tal-applikazzjonijiet jew tal-inġenji. Għalhekk, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma setgħux jikkonkludu jekk l-alternattivi mhux kimiċi jistgħux jaġixxu bħala alternattivi xierqa u suffiċjenti għall-medetomidina għall-inġenju kummerċjali u tad-divertiment.

(14) Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma qisux bħala alternattivi xierqa għall-medetomidina, kemm għall-inġenju kummerċjali kif ukoll tad-divertiment, is-sustanzi attivi bħall-fjokki tar-ram, it-tolilfluwanid u d-diklofluwanid, minħabba li ma tressqet l-ebda applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tagħhom sal-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2024 f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u l-approvazzjoni tagħhom skadiet fil-31 ta' Diċembru 2025. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma setgħux jikkonkludu jekk il-piritijon tar-ram setax jaġixxi bħala alternattiva xierqa u suffiċjenti għall-medetomidina, kemm għall-inġenju kummerċjali kif ukoll tad-divertiment, minħabba l-inċertezzi dwar l-effikaċja tiegħu kontra l-organiżmi li l-medetomidina timmira. Madankollu, il-biċċa l-kbira tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali rrikonoxxew bħala alternattivi xierqa u suffiċjenti għall-medetomidina, għall-użu kemm fl-inġenju kummerċjali kif ukoll tad-divertiment, is-sustanzi attivi DCOIT, it-tijoċjanat tar-ram, l-ossidu tad-diram u t-tralopiril, li bħalissa kollha għandhom profil tossikoloġiku inqas perikoluż mill-medetomidina, u mhumiex qed jissodisfaw il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għalhekk, ġie konkluż li hemm alternattivi suffiċjenti u xierqa għall-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21.

(15) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali ddiskutew ukoll dwar l-argumenti tal-applikant u ta' diversi kontributuri fil-konsultazzjoni mal-partijiet terzi, li appoġġaw li n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tal-medetomidina jkun iwassal għal kostijiet sostanzjali minħabba l-konsum u l-manutenzjoni ogħla tal-fjuwil. Madankollu, fin-nuqqas ta' prodotti bijoċidali awtorizzati li fihom il-medetomidina skont it-tip ta' prodott 21 fis-suq tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, u meta jitqies li hemm sustanzi attivi alternattivi xierqa u suffiċjenti disponibbli għall-medetomidina (id-DCOIT, it-tijoċjanat tar-ram, l-ossidu tad-diram u t-tralopiril, kemm għall-inġenju kummerċjali kif ukoll tad-divertiment), il-fehmiet espressi mill-Istati Membri juru li n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tal-medetomidina bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 mhuwiex mistenni li jkollu impatt negattiv sproporzjonat fuq is-soċjetà meta mqabbel mar-riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent li jirriżulta mill-użu tas-sustanza fil-prodotti bijoċidali antifouling. Għalhekk, il-kundizzjoni tal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 mhix issodisfata.

(16) Barra minn hekk, filwaqt li l-Aġenzija dehrilhali mhux possibbli li tinsilet kwalunkwe konklużjoni dwar il-livell ta' riskji tal-użu tal-medetomidina għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent meta jitqiesu l-proprjetajiet tagħha li jfixklu s-sistema endokrinali, u li jitqies li l-prodott bijoċidali rappreżentattiv ippreżentat mill-applikant mhuwiex prodott użat f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li għandhom l-għan li jeskludu l-kuntatt mal-bnedmin u r-rilaxx fl-ambjent, u meta jitqiesu l-fehmiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali dwar il-kwistjoni, ma huwiex konkluż li r-riskju għall-bnedmin, għall-annimali jew għall-ambjent mill-esponiment għall-medetomidina fil-prodott bijoċidali, f'kundizzjonijiet realistiċi tal-aħjar każ ta' użu, huwa negliġibbli. Għalhekk, il-kundizzjoni tal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 mhix issodisfata.

([9]) https://health.ec.europa.eu/biocides/events_en?f%5B0%5D=topic_topic%3A25&f%5B1%5D=topic_topic%3A114&f%5B2%5D=topic_topic%3A115.

(17) L-applikant flimkien ma' diversi kontributuri fil-konsultazzjoni mal-partijiet terzi argumentaw li t-tiġdid tal-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 ikun essenzjali għall-prevenzjoni jew għall-kontroll ta' periklu serju għall-ambjent minħabba li l-medetomidina tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-trasferiment tal-ispeċijiet invażivi tal-baħar, tista' tappoġġa l-indirizzar tar-reżistenza dejjem akbar tal-organiżmi tal-baħar għall-prodotti bijoċidali antifouling li fihom ir-ram, u peress li l-medetomidina tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (CO_2) permezz ta' tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil tal-inġenju. Madankollu, fil-preżenza ta' sustanzi attivi antifouling alternattivi xierqa u suffiċjenti oħra għall-medetomidina, u meta jitqiesu l-fehmiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali dwar il-kwistjoni, mhuwiex konkluż li l-medetomidina hija essenzjali għall-prevenzjoni jew għall-kontroll ta' periklu serju għall-ambjent. Għalhekk, il-kundizzjoni tal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 mhix issodisfata.

(18) Għaldaqstant, filwaqt li titqies l-analiżi tad-data kollha miġbura u l-fehmiet espressi mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali, l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 ma hi ssodisfata għall-medetomidina rigward l-użu tagħha fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21.

(19) Peress li mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk il-medetomidina għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, u minħabba li ma ġiet issodisfata l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 mhumiex issodisfati.

(20) Għaldaqstant, huwa xieraq li l-approvazzjoni tal-medetomidina għall-użu fil-prodotti bijoċidali għat-tip ta' prodotti 21 ma tiġġeddidx.

(21) Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien ħalli l-operaturi ekonomiċi jadattaw, l-oġġetti ttrattati bil-medetomidina jew li jinkorporawha għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 jistgħu jiġu introdotti fis-suq għal perjodu ta' 180 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

(22) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-approvazzjoni tal-medetomidina bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 ma ġġeddidx.

Artikolu 2

L-oġġetti ttrattati li jinkorporaw il-medetomidina intenzjonalment jew li jiġu ttrattati biha għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 21 ma għandhomx jiġu introdotti fis-suq aktar mit-8 ta' Ġunju 2027.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN